**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 157**
**L-Erbgħa, 18 ta' Ottubru, 2023 fl-4:00 p.m.**

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

### RABAT – KULLEĠĠ SAN NIKOLA - XOGĦLIJIET

**11509. L-ONOR. NAOMI CACHIA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tax-xogħlijiet li saru b'rabta mar-riġenerazzjoni tal-Iskola Primarja tar-Rabat, li tagħmel parti mill-Kulleġġ San Nikola? Jista' jgħid ukoll x'kien l-investiment globali f'dan il-proġett?

26/09/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-iskola msemmija ġew investiti madwar €3.5 miljun sabiex inbena sular ġdid, bini mill-ġdid tas-soqfa l-antiki, tisbieħ estensiv sabiex jinħolqu spazji edukattivi moderni u kif ukoll installar ta' servizzi ġodda.

Seduta 157
18/10/2023

### LOGĦOB TAL-ISTATI ŻGĦAR TAL-EWROPA - ĦLAS LIR-REBBIEĦA TAL-MIDALJI TAD-DEHEB

**11617. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk ir-rebbieħa kollha tal-midalji tad-deheb fil-Logħob tal-Istati Żgħar tal-Ewropa ngħatawx il-ħlas li ġew imwiegħda?

28/09/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li se ssir ċerimonja fil-31 ta' Ottubru biex l-atleti rebbieħa ta' midalja tad-deheb jiġu ppremjati mill-Kumitat Olimpiku Malti.

*Korrezzjoni: Ara Dokument PL 2431 li tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra f'Seduta 161 nhar it-Tnejn, 30 ta Ottubru 2023)*

Seduta 157
18/10/2023

### SKOLA TAL-IMRIEĦEL – NEFQA GĦALL-PITCH ARTIFIĊJALI

**11709. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġie jiswa l-pitch artifiċjali tal-iskola tal-Imrieħel u jekk dan sarx b'fondi tal-Foundation for Tomorrow's Schools (FTS)?

03/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-nefqa totali kienet ta' €73,180 (VAT eskluż).

Seduta 157
18/10/2023

### IMRIEĦEL – GRAWND – ĦINIJIET TAL-FTUĦ GĦALL-PUBBLIKU

**11710. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-grawnd tal-Imrieħel hux ser ikun qiegħed jinfetaħ għall-pubbliku wara l-ħinijiet tal-iskola?

03/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-faċilitajiet li huwa pubblikament magħruf li l-ground diġà qed jintuża minn Birkirkara Football Club.

Seduta 157
18/10/2023
**TAL-ĦANDAQ - SKOLA SEKONDARJA– ARJA KKUNDIZZJONATA**

**11711. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il unit ta' arja kkundizzjonata ġdid twaħħal fl-iskola sekondarja tal-Ħandaq, li jifforma parti mill-Kulleġġ San Injazju?

03/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-iskola msemmija nbniet mingħajr arja kkunddizjonata minn amministrzzjoni preċedenti u b'hekk għaddejin id-diskussjonijiet neċessarji mill-istakeholders konċernati rigward l-installazjoni.

Seduta 157
18/10/2023

**MRIEĦEL – SKOLA SEKONDARJA – LIFT BIL-ĦSARA**

**11712. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Peress li l-lift fl-iskola sekondarja tal-Mrieħel, parti mill-Kulleġġ Santa Tereża, ilu bil-ħsara għal aktar minn sena, jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru huwiex infurmat b'dan?

03/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ġejt infurmati li għaddejin il-proċeduri neċessarji biex tiġi solvuta.

Seduta 157
18/10/2023

**KAPIJIET TA' SKEJJEL PRIMARJI TAL-ISTAT - DEPLOYMENT**

**11713. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm Kapijiet ta' skejjel primarji tal-Istat li ngħataw deployment u ma baqgħux fl-iskola li kienu fiha fis-sena skolastika li għaddiet?

03/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'kollox kien hemm 9 Kapijiet fl-iskejjel primarji tal-Istat li ngħataw deployment. Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li l-kapijiet li jiġu deployed jibqgħu jokkupaw l-istess kariga, iżda mhux neċessarjament fl-iskejjel primarji.

Seduta 157
18/10/2023

**KAPIJIET TA' SKEJJEL MEDJI TAL-ISTAT - DEPLOYMENT**

**11714. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm Kapijiet ta' skejjel medji tal-Istat ingħataw deployment u ma baqgħux fl-iskola li kienu fiha fis-sena skolastika li għaddiet?

03/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'kollox kien hemm 9 Kapijiet fl-iskejjel primarji tal-Istat li ngħataw deployment. Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li l-kapijiet li jiġu deployed jibqgħu jokkupaw l-istess kariga, iżda mhux neċessarjament fl-iskejjel medji tal-Istat.

Seduta 157
18/10/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – POLITIKA DWAR IS-SAĦĦA MENTALI**

**10868. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru tiegħu għandux politika għas-saħħa mentali biex is-saħħa mentali tiġi integrata fit-tfassil ta' kull politika mill-istess Ministeru? Jekk le, jista' jgħid jekk hemmx il-pjan li titfassal u tiġi adottata din il-politika (mental health policy)?

05/07/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li dan il-Ministeru, bħala parti mis-Servizz Pubbliku, huwa marbut mill-politika ċentrali fuq is-saħħa mentali. Minbarra hekk tajjeb li jingħad ukoll li fil-Ministeru tingħata importanza kbira lill-Employee Support Programme fejn uffiċjali jistgħu jirrikorru f'każ ta' diffikultà ulterjuri.

Seduta 157
18/10/2023

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR – POLITIKA DWAR IS-SAĦĦA MENTALI**

**10869. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru tiegħu għandux politika għas-saħħa mentali biex is-saħħa mentali tiġi integrata fit-tfassil ta' kull politika mill-istess Ministeru? Jekk le, jista' jgħid jekk hemmx il-pjan li titfassal u tiġi adottata din il-politika (mental health policy)?

05/07/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li dan il-Ministeru, bħala parti mis-Servizz Pubbliku, huwa marbut mill-politika ċentrali fuq is-saħħa mentali. Minbarra hekk, tajjeb li jingħad ukoll li fil-Ministeru tingħata importanza kbira lill-Employee Support Programme fejn uffiċċjali jistgħu jirrikorru f'każ ta' diffikultà ulterjuri.

Seduta 157
18/10/2023

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA – POLITIKA DWAR IS-SAĦĦA MENTALI**

**10870. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru tiegħu għandux politika għas-saħħa mentali biex is-saħħa mentali tiġi integrata fit-tfassil ta' kull politika mill-istess Ministeru? Jekk le, jista' jgħid jekk hemmx il-pjan li titfassal u tiġi adottata din il-politika (mental health policy)?

05/07/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li dan il-Ministeru, bħala parti mis-Servizz Pubbliku, huwa marbut mill-politika ċentrali fuq is-saħħa mentali. Minbarra hekk tajjeb li jingħad ukoll li fil-Ministeru tingħata importanza kbira lill-Employee Support Programme fejn uffiċċjali jistgħu jirrikorru f'każ ta' diffikultà ulterjuri.

Seduta 157
18/10/2023

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – POLITIKA DWAR IS-SAĦĦA MENTALI**

**10871. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru tiegħu għandux politika għas-saħħa mentali biex is-saħħa mentali tiġi integrata

fit-tfassil ta’ kull politika mill-istess Ministeru? Jekk le, jista’ jgħid jekk hemmx il-pjan li titfassal u tiġi adottata din il-politika (mental health policy)?

05/07/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li dan il-Ministeru, bħala parti mis-Servizz Pubbliku, huwa marbut mill-politika ċentrali fuq is-saħħa mentali. Minbarra hekk tajjeb li jingħad ukoll li fil-Ministeru tingħata importanza kbira lill-Employee Support Programme fejn uffiċjali jistgħu jirrikorru f’każ ta’ diffikultà ulterjuri.

Seduta 157
18/10/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – POLITIKA DWAR IS-SAĦĦA MENTALI**

**10872. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista’ l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru tiegħu għandux politika għas-saħħa mentali biex is-saħħa mentali tiġi integrata fit-tfassil ta’ kull politika mill-istess Ministeru? Jekk le, jista’ jgħid jekk hemmx il-pjan li titfassal u tiġi adottata din il-politika (mental health policy)?

05/07/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li dan il-Ministeru, bħala parti mis-Servizz Pubbliku, huwa marbut mill-politika ċentrali fuq is-saħħa mentali. Minbarra hekk tajjeb li jingħad ukoll li fil-Ministeru tingħata importanza kbira lill-Employee Support Programme fejn uffiċċjali jistgħu jirrikorru f’każ ta’ diffikultà ulterjuri.

Seduta 157
18/10/2023

**FSWS - BREAKDOWN TAN-NEFQA LI SARET FUQ IL-KONFERENZA F'GĦELUQ IL-25 SENA**

**10896. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10020 u 10420 u jagħti break down tan-nefqa kollha li saret fuq il-konferenza tal-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali (FSWS) f’għeluq il-25 sena mit-twaqqif tagħha?

06/07/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi għat tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10546.

Seduta 157
18/10/2023

**HOMELESS - ANZJANI - SERVIZZI OFFRUTI MILL-GVERN**

**11246. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista’ l-Ministru jgħid x’servizz joffri l-Gvern f’każ li anzjan ta’ 60 sena jispiċċa homeless?

29/08/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hekk kif il-ħaddiema soċjali fi ħdan l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità jsiru jafu bil-każ ta’ persuna li għandha ’l fuq minn sittin (60) sena u li spiċċat bla saqaf fuq rasha, isir l-assessjar meħtieġ. Dan jikkonsisti fil-ġbir ta’ informazzjoni bażika u anke informazzjoni aktar komplessa rigward is-saħħa, l-abbiltajiet fiżiċi u l-imġiba tal-klijent. Wara li jkollhom stampa aktar ċara tal-każ, il-ħaddiema soċjali jistħarrġu x’wassal biex il-persuna spiċċat f’din is-sitwazzjoni u jekk hemmx finanzi sabiex tkun tista’ tikri fejn toqgħod. Huma jiċċekkjaw ukoll jekk ikunx hemm xi familjari li jkunu jistgħu jgħinu lill-persuna. F’każ li l-persuna ma jkollhiex alternattiva oħra, isir kuntatt mal-homeless

shelters li hawn f'Malta u Għawdex sabiex jistħarrġu l-possibilità li l-persuna tidħol f'xi post minn dawn. Il-ħaddiema soċjali jkomplu jsegwu u jgħinu lill-individwu skont kif meħtieġ.

Seduta 157
18/10/2023
**AĠENZIJA APPOĠĠ - TFAL ADDOTTATI MILL-PORTUGALL**

**11247. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid matul l-2020, l-2021 u l-2022, sena b'sena, kemm-il tifel u tifla mill-Portugall ġew addottati b'suċċess minn Maltin, permezz tas-servizz li toffri l-Aġenzija Appoġġ biss (mhux ta' aġenziji oħra)?

30/08/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li, minn meta daħlet fis-seħħ il-liġi dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Kura Alternattiva), l-entità fi ħdan l-FSWS responsabbli mill-addozzjonijiet sar d-Direttorat għall-Kura Alternattiva.
Matul dan il-perjodu, fis-snin imsemmija minnhu, kien hemm dawn l-addozzjonijiet mill-Portugal:

· Fl-2020 kien hemm minuri wieħed li ġie addottat mill-Portugal;
· Fl-2021 ma kien hemm l-ebda addozzjoni mill-Portugal; filwaqt li,
· Fl-2022 kien hemm 5 t'itfal li ġew addottati mill-Portugal
Wieħed irid iżomm dejjem f'moħħu illi s-snin 2020 u 2021 kienu sentejn tal- Pandemija.

Seduta 157
18/10/2023

**AĠENZIJA APPOĠĠ – TFAL ADDOTTATI MILL-PORTUGALL MHUX IPPREPARATI LI JIĠU MALTA - KUMPENS**

**11248. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid matul l-2020, l-2021 u l-2022, sena b'sena, kemm kienu dawk il-każi tas-servizz li toffri l-Aġenzija Appoġġ biss (mhux ta' aġenziji oħra), li wara li l-ġenituri prospettivi kienu ġew approvati metikolożament mill-awtoritajiet f'Malta u l-Portugall, meta l-Maltin marru għat-tfal assenjati lilhom ġewwa l-Portugall, sfortunatament dawn il-ġenituri ndunaw li t-tfal ma kinux ippreparati li jiġu Malta? Jista' jgħid ukoll jekk f'dawn il-każi rari ħafna, l-awtoritajiet f'Malta u l-Portugall jistgħux jikkunsidraw li jikkumpensaw finanzjarjament anke lil dawn il-ftit ġenituri prospettivi li, barra li ma jkunx tort tagħhom li tali esperjenza qarsa ħafna jgħaddu minnha, huma jafu li anke saħansitra f'każi ta' suċċess fl-addozzjoni, meta l-ispejjeż jeċċedu n-normali ta' Eur 10,000, il-ġenituri li jaddottaw xorta waħda jingħataw aktar kumpens għal dawk l-ispejjeż li jkunu aktar minn Eur 10,000 (malli jiġu ppreżentanti l-irċevuti relevanti)?

30/08/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-addozzjonijiet internazzjonali li jsiru, jiġifieri dawk li huma magħrufa bħala inter-country adoptions, huma kollha regolati mill-Konvenzjoni ta' The Hague u li tagħha Malta hija firmatarja. Dan ifisser illi Malta trid timxi skont ir-regoli ta' din il-konvenzjoni. Fost dawn ir-regoli, insibu fost l-oħrajn li l-matching, jiġifieri t-tqabbil ta' ġenituri prospettivi ma' tfal li huma rilaxxati għal addozzjoni, isir mill-awtoritajiet tal-pajjiż barrani u mhux minn Malta. Dan jiġri wkoll fil-kas ta' addozzjonijiet mill-Portugall.

Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li fit-tliet snin elenkati minnu kien hemm biss każ wieħed fejn il-koppja telgħu il-Portugall u fil-frattemp il-minuri li kienu ġew rilaxxati għall-addozzjoni mill-awtoritajiet Portugiżi, ma xtaqux li jiġu addotati. F'dan il-każ, minħabba li l-eta' ta' tfal kienet ta' 'il fuq minn 10 snin, allura l-veduti tal-minuri f'kull stadju tal-addozzjoni tittieħed inkunsiderazzjoni. F'dan il-każ partikolari, il-koppja sabet sapport kontinwu tad-Direttorat tal-Kura Alternattiva, li kien magħhom pass pass matul dan il-proċess delikat.

Seduta 157
18/10/2023

**KONFISKA TA' DROGA**

**11252. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid xi jsir mid-droga kollha li tinqabad? Jekk tinqered, fejn u kif? Jekk veru tinqered, tista' ssir fil-preżenza tal-pubbliku u jiġi wkoll ikkonfermat minn liema konfiska u l-kwantità?

01/09/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi kull droga maqbuda minn kull awtorita kompetenti, dejjem tiġi distrutta fil-mument opportun. Id-droga li tkun maqbuda f'ċikostanzi fejn ma jkunx hemm persuni li jitressqu l-Qorti, bħal istanzi meta din tinstab in tranżitu f'pajjiżna u fejn l-ebda persuna ma tkun ġiet imressqa l-qorti, tiġi distrutta fil-preżenza tal-Maġistrat Inkwirenti, li minn naħa tiegħu ikun preżenti personalment jew inkella jkun hemm espert imqabbad minnu stess, sabiex isegwi il-proċess kollu tad-distruzzjoni. B'żieda ma' dan, l-istess Maġistrat Inkwirenti jista' jaħtar esperti forensiċi sabiex jirrekordjaw l-istess proċess li eventwalment jifforma parti mill-atti tal-inkjesta. Id-distruzzjoni ssir permezz ta' inċineratur. Id-droga li tkun esebita bħala prova f'kawżi kriminali li jkunu ttieħdu kontra persuna jew persuni, tiġi distrutta meta l-istess sentenza tkun ġiet deċiża b'mod definittiv. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti li tiddeċiedi s-sentenza, tordna d-distruzzjoni tal-istess droga u tkun l-istess Qorti li tiddeċiedi dwar il-mod ta' kif issir tali distruzzjoni. Il-proċess ta' distruzzjoni ta' droga mhux pubbliku, u huwa kkonsidrat proċess trasparenti biżżejjed.

Seduta 157
18/10/2023

## UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – IMPJEGATI LI GĦANDHOM PERMESS LI JIPPARKJAW IL-BELT

**11253. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm għandu impjegati li għandhom permess li jipparkjaw il-karozza privata tagħhom il-Belt u jekk humiex eżentati mis-CVA?

01/09/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li ma hemm l-ebda impjegat fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru li għandhom permess li jipparkjaw il-karozza privata tagħhom il-Belt u li huma eżentati mis-CVA.

Seduta 157
18/10/2023

## MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - IMPJEGATI LI GĦANDHOM PERMESS LI JIPPARKJAW IL-BELT

**11254. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm għandu impjegati li għandhom permess li jipparkjaw il-karozza privata tagħhom il-Belt u jekk humiex eżentati mis-CVA?

01/09/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi żewġ impjegati għandhom permess li jipparkjaw il-karozza privata tagħhom il-Belt.

Seduta 157
18/10/2023

## AWTORITÀ TAD-DJAR - TWAĦĦIL TA' LIFTS F'APPARTAMENTI F'WIED IL-GĦAJN, IŻ-ŻEJTUN, MARSAXLOKK U ĦAL GĦAXAQ

**11299. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm twaħħlu lifts f'appartamenti mill-Awtorità tad-Djar f'Wied il-Għajn, iż-Żejtun, Marsaxlokk u Ħal Għaxaq, matul is-sena 2022 u sal-aħħar ta' Ġunju 2023?

05/09/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tad-Djar installat 3 lifts ġodda fi blokok ta' akkomodazzjoni soċjali fil-lokalitajiet imsemmija fil-perjodu indikat.

Seduta 157
18/10/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR - TWAĦĦIL TA' LIFTS F'APPARTAMENTI F'RAĦAL ĠDID, ĦAL TARXIEN, SANTA LUĊIJA, IL-GUDJA U L-FGURA**

**11300. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm twaħħlu lifts f'appartamenti mill-Awtorità tad-Djar f'Raħal Ġdid, Ħal Tarxien, Santa Luċija, il-Gudja u l-Fgura matul is-sena 2022 u sal-aħħar ta' Ġunju 2023?

05/09/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tad-Djar installat 5 lifts ġodda fi blokok ta' akkomodazzjoni soċjali fil-lokalitajiet imsemmija fil-perjodu indikat.

Seduta 157
18/10/2023

**ĦAL GĦAXAQ - SKOLA PRIMARJA - XOGĦLIJIET**

**11301. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid fiex waslu x-xogħlijiet fl-Iskola Primarja ta' Ħal Għaxaq u meta mistenni li dawn ikunu lesti?

05/09/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-iskola msemmija sar ix-xogħol neċessarju kemm ta' tisbiħ u kif ukoll ta' estensjoni biex bħala skola apparti li tkun iżjed akkoljenti kemm għal edukaturi u kif ukoll għat-tfal, tkun tista' tilqa' wkoll iżjed tfal. L-iskola laqgħat l-istudenti tagħha b'mod normali.

Seduta 157
18/10/2023

**UNIVERSITÀ – SALA SIR TEMI ZAMMIT – SISTEMA TAL-ARJA KKUNDIZZJONATA**

**11302. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid, issa li ser tibda sena akkademika oħra, meta ser issir mill-ġdid is-sistema tal-arja kkundizzjonata ġewwa s-sala Sir Temi Zammit fl-Università?

05/09/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan hu parti mill-proġett ta' refurbishment li jsir mill-Universita ta' Malta nnifisha.

Seduta 157
18/10/2023

**SPTAR MOUNT CARMEL – PERSUNI AMMESSI U RIKOVERATI**

**11303. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm ġew ammessi persuni fl-Isptar Mount Carmel matul is-sena 2022 u sa Ġunju 2023? Jista' għid ukoll kemm kien hemm persuni rikoverati sal-aħħar ta' Ġunju 2023?

05/09/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illipersuni ammessi fl-Isptar Mount Carmelfiż-żmien mitlub minnu kienu 3,714. Waqt li persuni rikoverati fl-aħħar ta' Ġunju 2023 kienu 260.

Seduta 157
18/10/2023

**SPTAR MOUNT CARMEL – IMPJEGATI**

**11304. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm persuni jaħdmu fl-Isptar Mount Carmel matul is-sena 2022 u sa Ġunju 2023?

05/09/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi matul is-sena 2022 kien hemm 746 u fl-aħħar ta' Ġunju 2023 kien hemm 735 persuni jaħdmu fl-Isptar Mount Carmel.

Seduta 157
18/10/2023

**GĦAWDEX - TRIQ IR-RABAT U TRIQ TA' XĦAJMA - MIŻURI KONTRA SEWQAN EĊĊESSIV**

**11487. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10751, li oriġinarjament saret lill-Ministru għal Għawdex, u jgħid fid-dawl tal-inċidenti riċenti u ta' dawn l-aħħar xhur li seħħew kemm fi Triq ir-Rabat kif ukoll Triq Ta' Xħajma, it-triq prinċipali li twassal għar-raħal tan-Nadur, jista' l-Ministru jgħid x'miżuri qed jieħu jew beħsiebu jieħu l-Gvern jew l-entitajiet tiegħu biex tiġi indirizzata l-problema ta' sewqan eċċessiv jew abbużiv f'din it-triq?

25/09/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul l-aħħar xhur, Transport Malta għamlet 'network-wide road safety assessment' li kien jinkludi evalwazzjoni tat-toroq arterjali u distributorji u Triq ir-Rabat inkluż l-area ta' Xħajma, tagħmel parti min din l-evalwazzjoni. Ir-rakkomandazzjonijiet għall-immaniġġjar ta' sigurtà aħjar fuq din it-triq ser jiġu pprovduti lill-Ministeru ta' Għawdex.

Inoltre', Transport Malta ma rċeviet l-ebda talbiet għal 'fixed speed camera', madankollu ser tkun qed tevalwa il-kriterji meħtieġa skond kif imniżżel fl-Speed Management Policy - Annex 3C.

Ninnota ukoll li Transport Malta toħroġ statistika ta' aċċidenti tat-toroq minn fuq ir-rapporti tal-Pulizija, però Transport Malta ma tkunx provduta bid-dettalji tal-post eżattfejn ikun seħħ l-aċċident u lanqas fuq il-kawża ta' l-aċċident innifsu per eżempju jekk il-karozzi nvoluti kienux qed isuqu b'veloċità eċċessiva.

Seduta 157
18/10/2023

**QALA, GĦAWDEX - TRIQ IŻ-ŻEWWIEQA - BELVEDER**

**11488. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13551 tat-13-il Leġiżlatura, li ngħatat fl-20 ta' April 2020, rigward Triq iż-Żewwieqa fil-Qala Għawdex, fejn kien ġie mwieġeb "il-Ministeru għal Għawdex qed jevalwa jistax isir Belvedere fuq art pubblika li tista' tintuża għal dan l-iskop" u li "matul din it-triq se jitħawlu ammont sostanzjali ta' siġar u arbuxelli", jista' l-Ministru jgħid jekk ġiex evalwat jekk jistax isir belvedere fuq art pubblika u jekk iva x'kien l-eżitu? Jista jgħid ukoll jekk tħawlux ammont sostanzjali ta' siġar u arbuxelli f'din l-imsemmija triq?

25/09/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul din is-sena il-Kunsill Lokali tal-Qala għamel xogħlijiet ta' tisbiħ fil-belveder li jinstab fi Triq iż-Żewwieqa fil-Qala. Dan ix-xogħol kien jinkludi tħawwil ta' arbuxelli. Ninsab infurmat li maġġor parti tar-raba' l-ieħor huwa tal-privat.

Seduta 157
18/10/2023

**GĦAWDEX - PORT TAL-IMĠARR - RILOKAZZJONI GĦALL-MEMBRI TAL-AFM**

**11489. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10781 li ngħatat fil-11 ta' Lulju 2023, fejn kien ġie imwieġeb illi "fil-jiem li ġejjin hemm meeting skedat ma' Transport Malta għal aktar diskussjonijiet", jista' l-Ministru jgħid x' kien l-eżitu ta' dan il-meeting? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra site plan tal-post alternattiv ta' rilokazzjoni li ġie identifikat? Jista' jaġġorna wkoll lill-Kamra dwar l-aħħar żviluppi u xi jmiss issa u meta hu maħsub, xahar u sena, li ssir ir-rilokazzjoni?

25/09/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi d-diskussjonijiet imsemmija kienu relatati mal-art li hija assenjata lil Transport Malta. Is-site plan mitluba qiegħda titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Bħalissa qed jitfasslu pjanijiet għall-approvazzjonijiet eventwali tal-permessi.

Seduta 157
18/10/2023

**GĦAWDEX - TOROQ ARTERJALI U DISTRIBUTORJI**

**11490. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jagħti l-lista tat-toroq arterjali u distributorji f'Għawdex, lokalità b'lokalità?

25/09/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li din l-informazzjoni tista' tinkiseb mill-Planning Authority. Id-dokument jinsab fis-site tal-Planning Authority taħt policy maps 6.2.1- Gozo Road Hierarchy, li kopja tiegħu qed inpoġġi fuq il-Medja tal-Kamra.

Seduta 157
18/10/2023

**GĦAWDEX - SKEJJEL PRIMARJI U SEKONDARJI - XOGĦLIJIET TA' NATURA ORDINARJA JEW STRAORDINARJA**

**11491. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija palamentari 10876 u jgħid x-xogħlijiet ta' natura ordinarja jew straordinarja li saru fl-iskejjel primarji u sekondarji ġewwa Għawdex matul dan is-sajf li għadu kemm għadda? Jista' jgħid ukoll minn min sar ix-xogħol u kemm kienet in-nefqa?

25/09/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 157
18/10/2023

**GOZO MUSEUM - XOGĦLIJIET**

**11492. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju jinsab il-bini u xogħol ieħor tal-Gozo Museum, kemm intefqu flus s'issa u x'sar f' dawn l-aħħar ġimgħat? Jista' jgħid ukoll x' hemm ippjanat li jsir u jitlesta fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin?

25/09/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi tlesta x-xogħol maġġuri relatat mal-bini u restawr tal-Gozo Museum. Baqa' xogħol relatat ma' snags li ser jiġi indirizzat fil-ġimgħat li ġejjin. B'hekk

meta titlesta din il-fażi jibda x-xogħol relatat mal-M&Es u Finishes minn kuntrattur differenti. Intant, il-pagamanti li saru s'issa fuq dan il-proġett jammontaw għal €4,086,649.

Seduta 157
18/10/2023
**NISA TQAL BID-DIJABETE TYPE 1 – CONSTANT GLUCOSE MONITOR**

**11594. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jikkonferma jekk issa kull mara tqila u li jkollha d-Dijabete Type 1, hux se tiġi offruta l-Constant Glucose Monitor irrispettivament mill-età tagħha?

28/09/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11593.

Seduta 157
18/10/2023

**CONSTANT GLUCOSE MONITOR**

**11595. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta se jibda jingħata l-Constant Glucose Monitor lill-pazjenti bid-Dijabete Type 1 għal min għandu iktar minn 25 sena?

28/09/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Continuous Glucose Monitors mingħajr ħlas ilhom jingħataw lill-persunu bid-dijabete ta' tip 1 sa 35 sena minn Settembru li għadda.

Seduta 157
18/10/2023

**PERSUNI ADULTI BID-DIJABETE TYPE 1 – TQASSIM TA' LABAR TAT-8MM**

**11596. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għalfejn mhux qed jitqassmu labar tat-8mm lill-pazjenti adulti bid-Dijabete Type 1 li jippreferu dawn il-labar u li qed jingħataw biss il-labar tas-6mm?

28/09/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi d-deċiżjoni li jinbidlu l-labar ta' 8 mm ittieħdet fuq parir ta' esperti kliniċi. Din hija linja gwida internazzjonali.

Seduta 157
18/10/2023

**SERVIZZI FIL-KURA PRIMARJA GĦALL-PAZJENTI BID-DIJABETE**

**11597. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'servizzi qed joffri l-Gvern fil-Kura Primarja għall-pazjenti bid-Dijabete?

28/09/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-PrimaryHealthCare għandha:
1. Klinika tad-Dijabete f'kull Ċentru tas-Saħħa f'Malta, mmexxija min tabib tal-familja u infermiera.
2. Kliniċi speċjalizzati ġewwa Ċentri tas-Saħħa għall-pazjenti li jirrikjedu aktar kura ntensiva fid-dijabete, mmexxija min żewġt Speċjalisti fid-Dijabete u endokrinoloġija.

Seduta 157
18/10/2023

**SPEĊJALISTI LI JOFFRU SERVIZZ LILL-PAZJENTI BID-DIJABETE**

**11598. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid bħalissa kemm hemm speċjalisti li qed joffru servizz lill-pazjenti bid-dijabete kif ġej:
a. fiċ-ċentri tas-saħħa f'Malta;
b. fl-Isptar Mater Dei;
ċ. fl-Isptar Mount Carmel;
d. fir-Residenza San Vincenz de Paul;
e. fl-Isptar Karin Grech;
f. fl-Isptar ta' Għawdex; u
g. fiċ-Ċentru tas-Saħħa f'Għawdex?

28/09/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illispeċjalisti li qed joffru servizz lill-pazjenti bid-dijabete huma skont it-tabella t'hawn taħt. Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija tiegħu dwar SVPR lill-Ministru kkonċernat.

| | |
|---|---|
| Primary Healthcare | 2 Health Specialists in Diabetes and endocrinology |
| Mater Dei Hospital | 7 Consultants and 7 Resident Specialists |
| Gozo General Hospital | 6 General Medicine Consultants |

Seduta 157
18/10/2023

**PAZJENTI BID-DIJABETE LI QED JINGĦATAW SERVIZZI**

**11599. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid bħalissa kemm hemm pazjenti bid-dijabete li qed jingħataw servizz kif ġej:
a. fiċ-ċentri tas-saħħa f'Malta;
b. fl-Isptar Mater Dei;
ċ. fl-Isptar Mount Carmel;
d. fir-Residenza San Vinċenz de Paul;
e. fl-Isptar Karin Grech;
f. fl-Isptar ta' Għawdex; u
g. fiċ-Ċentru tas-Saħħa f'Għawdex?

28/09/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illipazjenti bid-dijabete li qed jingħataw servizz huma skont it-tabella t'hawn taħt. Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija tiegħu dwar SVPR lill-Ministru kkonċernat.

| | |
|---|---|
| Ċentri tas-saħħa | 15,840 |
| Sptar Mater Dei | 7,923 |
| Sptar Ġenerali Għawdex | 1,445 |

Seduta 157
18/10/2023

**KUNSILLI LOKALI - SEGRETARJI EŻEKUTTIVI - INGAĠĠ**

**11757. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jipprovdi lista, rispettivament għal kull Kunsill Lokali, dwar kemm-il Segretarju Eżekuttiv

hemm ingaġġat b'mod permanenti u jindika jekk dawn iservux f'Kunsilli Lokali oħrajn, u jekk iva, kemm u f'liema?

03/10/2023
**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| LC Name | Status | | Iservi f'Kunsilli Lokali oħrajn, jekk Iva f'liema? |
|---|---|---|---|
| Il-Belt Valletta (Città Umilissima) | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| L-Imdina (Città Notabile) | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| Il-Birgu (Città Vittoriosa) | Segretarju Eżekuttiv | Public Officer for the duration of his term of office | |
| L-Isla (Città Invicta) | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| Bormla (Città Cospicua) | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | Iservi wkoll bħala Agent Segretarju Eżekuttiv fil-KL Kalkara |
| Ħal Qormi (Città Pinto) | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | Isservi wkoll bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv fil-KL Ħal Luqa |
| Ħaż-Żebbuġ (Città Rohan) | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| Ħaż-Żabbar (Città Hompesch) | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| Is-Siġġiewi (Città Ferdinand) | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| Iż-Żejtun (Città Beland) | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| Ir-Rabat (Città Victoria) | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| Ħ'Attard | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| Ħal Balzan | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| Birkirkara | Segretarju Eżekuttiv | Kuntratt Definit: (03/04/2023-02/04/2026) | |
| Birżebbuġa | Segretarju Eżekuttiv | Kuntratt Definit: (02/05/2023-01/05/2026) | |
| Ħad-Dingli | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| Il-Fgura | Segretarju Eżekuttiv | Kuntratt Definit: (04/07/2023- | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | 03/07/2026) | |
| Floriana | Segretarju Eżekuttiv | Public Officer for the duration of his term of office | Iservi wkoll bħala Agent Segretarju Eżekuttiv fil-KL San Ġiljan |
| Il-Fontana | Aġent Segretarju Eżekuttiv minn 08.05.2023 | | |
| Il-Gudja | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| Il-Gżira | Deputat Segretarju Eżekuttiv | | |
| Għajnsielem | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| L-Għarb | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| Ħal Għargħur | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| L-Għasri | Aġent Segretarju Eżekuttiv | minn 13 ta' Settembru 2023 | |
| Ħal Għaxaq | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| Il-Ħamrun | Segretarju Eżekuttiv | Kuntratt Definit: 06/04/2023-05/04/2026 | |
| L-Iklin | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| Il-Kalkara | Aġent Segretarju Eżekuttiv minn 31.07.2023 | | |
| Ta' Kerċem | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| Ħal Kirkop | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| Ħal Lija | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| Ħal Luqa | Deputat Segretarju Eżekuttiv minn 07.05.2022 | | |
| Il-Marsa | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| Marsaskala | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| Marsaxlokk | Segretarju Eżekuttiv | Definite: 13.05.2023-12.05.2026 | |
| Il-Mellieħa | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| L-Imġarr | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Il-Mosta | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | Isservi wkoll bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv fil-KL Paola |
| L-Imqabba | Segretarju Eżekuttiv | Kuntratt Definit: 27.04.2023-26.04.2026 | |
| L-Imsida | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| Il-Munxar | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| In-Nadur | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| In-Naxxar | Segretarju Eżekuttiv | Public Officer for the duration of his term of office | |
| Paola | Deputat Segretarju Eżekuttiv minn 01.10.2023 | | |
| Pembroke | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| Tal-Pietà | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| Il-Qala | Segretarju Eżekuttiv | Kuntratt Definit: 28/03/2023-27/03/2026 | |
| Il-Qrendi | Deputat Segretarju Eżekuttiv minn | | |
| Ir-Rabat (Malta) | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | Iservi wkoll bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv KL Qrendi |
| Ħal Safi | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| San Ġiljan | Malcolm Agius - Aġent Segretarju Eżekuttiv minn 01.06.2023 | | |
| San Ġwann | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | Iservi wkoll bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv KL Ta' Xbiex |
| San Lawrenz | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| San Pawl il-Baħar | Segretarju Eżekuttiv | Public Officer for the duration of his term of office | |
| Ta' Sannat | Aġent Segreatrju Eżekuttiv minn 17.08.2023 | | |
| Santa Luċija | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| Santa Venera | Deputat Segretarju Eżekuttiv minn 22.07.2020 | | |
| Tas-Sliema | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | Iservi wkoll bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv KL Gzira |
| Is-Swieqi | Segretarju Eżekuttiv | Definite: 11.04.2023-10.04.2026 | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ta' Xbiex | Aġent Segretarju Eżekuttiv minn 02.08.2023 | | |
| Ħal Tarxien | Deputat Segretarju Eżekuttiv minn 01.06.2023 | | |
| Ix-Xagħra | Deputat Segretarju Eżekuttiv minn 22.07.2023 | | |
| Ix-Xewkija | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | Isservi wkoll bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv Ix-Xagħra |
| Ix-Xgħajra | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| Iż-Zebbuġ | Segretarju Eżekuttiv | Public Officer for the duration of his term of office | |
| Iż-Żurrieq | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| L-Imtarfa | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | Isservi wkoll bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv Ħal Tarxien apparti li sservi wkoll ta' Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tal-Port |
| Reġjun tat-Tramuntana / Northern Regional Council | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| Reġjun tal-Lvant / Eastern Regional Council | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |
| Reġjun tal-Punent / Western Regional Council | Aġent Segretarju Eżekuttiv minn 01.01.2022 | | |
| Reġjun tal-Port / Port Regional Council | Agent Deputat Segretarju Eżekuttiv minn 21.02.2022 | | |
| Southern Regional Council / Reġjun tan-Nofsinhar | Aġent Segretarju Eżekuttiv minn 01.03.2023 | | |
| Gozo Regional Council / Regjun Ghawdex | Segretarju Eżekuttiv | Permanenti | |

**KUNSILLI LOKALI - AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**11758. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm Kunsilli Lokali li għandhom Aġent Segretarju Eżekuttiv, jipprovdi lista ta' liema huma u jgħid kemm ilhom iservu bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv?

03/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:**
L-informazzjoni mitluba hekk kif mibgħuta mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali tinsab hawn taħt:

| LC Name | Status | Since: |
|---|---|---|
| Il-Fontana | Aġent Segretarju Eżekuttiv | 08 May 2023 |
| Il-Gżira | Aġent Segretarju Eżekuttiv | 31 July 2023 |
| L-Għasri | Agent Segretarju Eżekuttiv | 13 September 2023 |
| Il-Kalkara | Agent Segretarju Eżekuttiv | 31 July 2023 |
| Ħal Luqa | Deputat Segretarju Eżekuttiv | 07 May 2022 |
| Paola | Deputat Segretarju Eżekuttiv | 01 October 2023 |
| Il-Qrendi | Deputat Segretarju Eżekuttiv | 27 June 2023 |
| San Ġiljan | Aġent Segretarju Eżekuttiv | 01 June 2023 |
| Ta' Sannat | Aġent Segretarju Eżekuttiv | 17 August 2023 |
| Santa Venera | Deputat Segretarju Eżekuttiv | 22 July 2020 |
| Ta' Xbiex | Aġent Segretarju Eżekuttiv | 02 August 2023 |
| Ħal Tarxien | Deputat Segretarju Eżekuttiv | 01 June 2023 |
| Ix-Xagħra | Deputat Segretarju Eżekuttiv | 22 July 2023 |
| Reġjun tal-Punent / Western Regional Council | Aġent Segretarju Eżekuttiv | 01 January 2022 |
| Reġjun tal-Port / Port Regional Council | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv | 21 February 2022 |
| Southern Regional Council / Reġjun tan-Nofsinhar | Aġent Segretarju Eżekuttiv | 01 March 2023 |

Seduta 157
18/10/2023

**SANTA VENERA - TRIQ REĠJONALI - BDIL TA' BOZOZ TAL-FANALI**

**11759. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba nbidlu l-bozoz tad-dawl tal-fanali li hemm fi Triq Reġjonali, f'Santa Venera, (il-globi suwed li jagħtu għal fuq il-mini) u jgħid kemm-il darba nqatgħu f'din l-aħħar sena?

03/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li l-prattika adottata mill-istess Kunsill Lokali fir-rigward it-tiswija ta' lampi tat-triq, hija li dawn jiġu msewwija kemm jista' jkun b'mod regolari tramite l-kuntrattur. Infurmat ukoll li l-aħħar li inbidlu tali lampi u ssewwew għaxra (10) minnhom kien propju fl-24 ta' Lulju li għadda. Finalment infurmat mill-istess Kunsill li jekk ikun hemm ammont kbir ta' lampi ħdejn xulxin bi ħsara, ikun ċar illi l-ħsara ma tkunx tiddependi mil-lampa per se`, iżda tali ħsara li tkun ġejja mit-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku.

Seduta 157
18/10/2023

**SANTA VENERA - TRIQ REĠJONALI - TISWIJA TAL-FANALI**

**11760. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid meta se tiġi solvuta darba għal dejjem il-problema tad-dawl tal-fanali li hemm fi Triq Reġjonali, f'Santa Venera, (il-globi suwed li jagħtu għal fuq il-mini)?

03/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11759.

Seduta 157
18/10/2023

**DIVIŻJONI TAL-GVERN LOKALI - ĦADDIEMA**

**11761. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid preżentement kemm hemm ħaddiema mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u jispjega l-irwoli u l-ħinijiet tax-xogħol tagħhom?

03/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li fil-preżent fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali hemm jaħdmu tlieta u disgħin (93) Uffiċjal. Dawn jinkludu wkoll ħaddiema tal-RSSL u 2 studenti assenjati mill-Istitut tas-Servizz Pubbliċi.

Fir-rigward tal-irwoli u ħinijiet tax-xogħol, l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| **Designation / Kariga** | **Civil / RSSL / Kuntrattur** | **Hinijiet** |
|---|---|---|
| Ass. Technical Officer | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Ass. Technical Officer | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Assistant Clerk | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Assistant Manager | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Assistant Principal | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Assistant Registrar (Courts) | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Care Worker | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Clerk | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Clerk | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Executive Officer | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Executive Officer | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Executive Officer | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Executive Officer | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Executive Officer | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Executive Officer | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| General Hand II | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Health Assistant | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| IAID Executive (Compliance and Risk) | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| ICT and Business Analyst | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Information Officer in Scale 7 | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Labourer I | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Labourer I | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Labourer I | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Labourer I | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Labourer I | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Labourer I | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Labourer I | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Labourer I | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Learning Support Educator I | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Legal Officer | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Management Support Executive | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Manager II ( HR) | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Manager II (Compliance) | Civil | 7:45am - 5:15pm |

| | | |
|---|---|---|
| Manager II (HR) | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Messenger | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Motor Transport Driver III (Sc 17/18) | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Officer in Grade 11 | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Officer in Grade 12 in Messenger Stream | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Officer in Grade 14 | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Officer in Grade 3 | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Officer in Grade 4 | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Officer in Grade 5 | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Officer in Grade 6 | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Officer in Grade 6 | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Officer in Grade 7 | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Officer in Scale 15 | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Officer in Scale 5 | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Officer in Scale 5 | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Officer in Scale 7 | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Officer in Scale 7 | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Operative III | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Principal | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Principal | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Principal | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Principal | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Principal | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Principal | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Project Administrator | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| RSSL Employee | RSSL | 7:00am-4:00pm |
| RSSL Employee | RSSL | 7:00am-4:00pm |
| RSSL Employee | RSSL | 7:00am-4:00pm |
| RSSL Employee | RSSL | 7:00am-4:00pm |
| RSSL Employee | RSSL | 7:00am-4:00pm |
| RSSL Employee | RSSL | 7:00am-4:00pm |
| RSSL Employee | RSSL | 7:00am-4:00pm |
| RSSL Employee | RSSL | 7:00am-4:00pm |
| RSSL Employee | RSSL | 7:00am-4:00pm |
| RSSL Employee | RSSL | 7:00am-4:00pm |
| RSSL Employee | RSSL | 7:00am-4:00pm |
| RSSL Employee | RSSL | 7:00am-4:00pm |
| RSSL Employee | RSSL | 7:00am-4:00pm |
| RSSL Employee | RSSL | 7:00am-4:00pm |
| RSSL Employee | RSSL | 7:00am-4:00pm |
| RSSL Employee | RSSL | 7:00am-4:00pm |
| Senior Clerk | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Senior Clerk | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Senior Clerk | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Senior Clerk | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Senior Clerk | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Senior Manager (Finance) | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Senior Manager (Project Management) | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Senior Operative | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Senior Operative | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Senior Operative (Group IV) | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Senior Principal | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Senior Principal | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Senior Principal | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Senior Principal | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Social Assistant | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Social Assistant II | Civil | 7:45am - 5:15pm |
| Student/Intern with Legal Unit | Civil | 7:45am - 5:15pm |

| | | |
|---|---|---|
| UOM Student | IPS Scheme | 20 hrs per week |
| UoM Student | IPS Scheme | 20 hrs per week |

Seduta 157
18/10/2023

**PERMESSI GĦAL DISABLED PARKING - LOKALITAJIET**

**11762. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm ġew approvati permessi ta' Disabled Parking f'dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma rispettivament, u tgħid ukoll f'liema lokalitajiet dawn ingħataw?

03/10/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 157
18/10/2023

**LESA U PULIZIJA - MULTI FIL-KONFRONT TA' E SCOOTERS**

**11969. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il multa nħarġet mil-LESA u l-Pulizija fil-konfront ta' escooters f'kull lokalità għas-snin 2019-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u kemm minn dawn il-multi tħallsu sal-lum?

06/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Qed niprovdi l-informazzjoni mitluba fit-tabella hawn taħt.

| **Lokalità** | **2020** | **2021** | **2022** | **2023** |
|---|---|---|---|---|
| Sliema | | 1,275 | 2,433 | 2,954 |
| San Ġiljan | | 1,110 | 2,161 | 2,137 |
| Msida | 1 | 532 | 755 | 607 |
| Gżira | 1 | 554 | 501 | 749 |
| San Ġwann | | 273 | 630 | 482 |
| San Pawl il-Baħar | | 111 | 640 | 626 |
| Birkirkara | 2 | 186 | 602 | 513 |
| Swieqi | | 118 | 544 | 249 |
| Marsaskala | | | 409 | 401 |
| Valletta | | 118 | 340 | 306 |
| Ħamrun | | 41 | 345 | 275 |
| Ta' Xbiex | 1 | 128 | 170 | 129 |
| Pieta` | | 53 | 250 | 108 |
| Qormi | | 8 | 165 | 216 |
| Santa Venera | | 47 | 206 | 119 |
| Pembroke | | 29 | 209 | 94 |
| Floriana | | 40 | 50 | 180 |
| Marsa | | 23 | 161 | 65 |
| Attard | | 11 | 65 | 125 |
| Balzan | | 8 | 82 | 98 |
| Żebbuġ | | 1 | 4 | 114 |
| Lija | | 2 | 21 | 77 |
| Paola | | | 47 | 46 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Iklin | | 2 | 40 | 47 |
| Tarxien | | | 40 | 34 |
| Fgura | | 1 | 22 | 37 |
| Mosta | | 5 | 16 | 38 |
| Mellieha | | | 11 | 44 |
| Bormla | | | 22 | 22 |
| Naxxar | | 19 | 19 | 6 |
| Birgu | | | 15 | 17 |
| Żabbar | | | 7 | 15 |
| Pietà | | 1 | 7 | |
| Birżebbuġa | | | | 6 |
| Għargħur | | 4 | 2 | |
| Isla | | | | 3 |
| Santa Lucija | | | | 3 |
| Luqa | | 2 | | |
| Kalkara | | | 1 | 1 |
| Marsaxlokk | | | 2 | |
| Mġarr | | | 1 | |

Seduta 157
18/10/2023

**IDENTITÀ - REBRANDING**

**11970. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus biex sar il-video li l-link tiegħu qed tingħata separatament li juri r-rebranding ta' Identità? Min iddireġieh u kiteb l-iscript tal-istess video?

06/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12192.

Seduta 157
18/10/2023

**ANTI-RACISM STRATEGY LILL-IDENTITY MALTA U IDENTITÀ - TAĦRIĠ**

**11971. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħata taħriġ bħala parti mill-Anti-Racism Strategy lill-Identity Malta u Identità, sena b'sena u lil kemm impjegati?

06/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li fl-aħħar sena, numru ta' impjegati tal-Aġenzija Identità attendew għal taħriġ li ndirizza t-tema r-razzi¿mu u l-għlieda kontrih, fost temi oħra.
Infurmat ukoll li fil-ġimgħat li ġejjin l-Aġenzija Identità se tkun qed tniedi l-istrateġija tagħha għat-tliet snin li ġejjin. Din l-istrateġija tinkludi pjan ta' taħriġ, li fost temi oħra jindirizza t-tema tar-razzi¿mu, lill-impjegati kollha tal-aġenzija, kemm dawk pre¿enti kif ukoll dawk futuri. Dan it-taħriġ se jkun wieħed kontinwu għall-ħaddiema kollha.

Seduta 157
18/10/2023

**IDENTITÀ - WEBSITE ĠDIDA**

**11972. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid għaliex fuq il-website il-ġdida ta' Identità m'hemmx informazzjoni u/jew il-formoli għal long-term residence, family reunification applications, u residence cards għan-nies li għandhom protezzjoni?

06/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li diffikultajiet ta' tranżazzjoni ġew riżolti u l-formoli jinsabu onlajn.

Seduta 157
18/10/2023

**KARTA TAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI FL-UE**

**11973. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġiex innominat xi ħadd bħala Punt Fokali tal-Karta (Charter Focal Point) skont l-Istrateġija biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-Unjoni Ewropea? Jekk iva, min hi din il-persuna?

06/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-informazzjoni mitluba qed tinġabar.

Seduta 157
18/10/2023

**APH ANIMAL HOSPITAL – LIĊENZJA TA' OPERAT**

**11974. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-APH Animal Hospital (VH001) għadx għandu liċenzja biex jopera? Jekk le, meta tilef il-liċenzja?

06/10/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-liċenzja biex topera stabbiliment veterinarju bħal sptar tal-annimali, tista' tingħata biss lil min għandu warrant ta' tabib veterinarju. It-tabiba veterinarja lliċenzjata biex topera l-APH Animal Hospital (VH001) innotifikat li mhux se tibqa f'dan ir-rwol wara l-31 ta' Awwissu 2023.

Seduta 157
18/10/2023

**ĦAŻ-ŻEBBUĠ - RINOVAR U TINDIF TAL-LATRINI**

**12004. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid meta ser isir xogħol ta' rinovar u tindif tal-latrini ta' Ħaż-Żebbuġ?

09/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ illi bħalissa għaddejjin xogħlijiet fuq dik li kienet qabel librerija sabiex ġewwa din il-parti jkun hemm inkluż fiha ukoll latrina ġdida. Infurmat ukoll li dawn ix-xogħlijiet mistennija jitlestew sa' madwar sitt xhur oħra.

Seduta 157
18/10/2023

**SKEJJEL PRIMARJI - GĦARFIEN DWAR IS-SAĦĦA MENTALI**

**12005. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-għarfien dwar is-saħħa mentali hux inkluż fil-kurrikulu tal-iskejjel primarji?

09/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-għarfien dwar is-saħħa mentali u l-benesseri emozzjonali huma parti minn sillabu komprensiv tat-tagħlim tal-PSCD.

Seduta 157
18/10/2023

**KUNDIZZJONI TAL-EPILESSIJA - NUQQAS TAL-MEDIĊINA KEPPRA**

**12006. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid f'liema xhur kien hemm nuqqas tal-mediċina Keppra li tintuża minn pazjenti li jbatu mill-epilessija?

09/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-mediċina msemmija minnu hija disponibbli.

Seduta 157
18/10/2023

**ĊENTRI TAS-SAĦĦA U BEREĠ – AĊĊESS GĦAL PERSUNI LI JUŻAW SIĠĠU TAR-ROTI**

**12007. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk iċ-ċentri tas-saħħa u bereġ li jinsabu fil-lokalitajiet humiex kollha aċċessibbli għal persuni li jużaw siġġu tar-roti?

09/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ċ-Ċentri tas-Saħħa u l-bereġ kollha huma aċċessibbli għal persuni li jużaw siġġu tar-roti.

Seduta 157
18/10/2023

**TESTIJIET TAL-KWALITÀ TAL-ARJA**

**12008. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta u fejn saru testijiet tal-kwalità tal-arja fl-irħula f'dawn l-aħħar xahrejn?

09/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 157
18/10/2023

**SAĦĦA MENTALI - NEFQA FUQ KAMPANJA TA' PREVENZJONI**

**12009. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'sar bħala promozzjoni għall-prevenzjoni tas-suwiċidju u kwalità tas-saħħa mentali? Jista' jgħid ukoll x'kienet in-nefqa item b'item?

09/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bħala promozzjoni għall-prevenzjoni tas-suwiċidju u kwalità tas-saħħa mentali, f'Ġunju ta' din is-sena bdiet kampanja Nazzjonali. Il-professjonisti tas-Saħħa Mentali ngħataw korsijiet Assessing u Managing Suicide Risk fuq kif wieħed għandu jintervjeni meta persuna tkun fi kriżi minħabba problemi ta' Saħħa Mentali. Dan it-taħriġ ġie mogħti minn tabiba akkreditata mill-Istitut Amerikan. Ingħataw korsijiet lil 47 tabib u 156 professjonist fil-qasam tas-Saħħa Mentali. Kif ukoll saret kampanja ta'reklamar fuq radios, TVs, billboards, posters/leaflets/Cards/Children Colouring Book/ Magnets/banners u video production. Infakkar lill-Onor. Interpellant illi l-helpline 1579 huwa manned 24 siegħa kuljum minn professjonisti mħarrġa.

Seduta 157
18/10/2023

**BLUE BADGES LI ĠEW IRTIRATI JEW MHUX IMĠEDDA**

**12026. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: B'referenza għall-perjodu bejn Jannar 2022, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, tista' l-Ministru tgħid kemm-il blue badge ġiet irtirata jew ma ġietx imġedda mill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b' Diżabilità u mill-Aġenzija Sapport, separatament għal kull sena?

09/10/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li n-numru ta' dokumenti tal-Blue Badge li ma ġewx imġedda jew ġew irtirati minn Aġenzija Sapport u mill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, hu kif ġej:

| | **Dokumenti mhux imġedda** | **Dokumenti irtirati** |
|---|---|---|
| **Jannar – Diċembru 2022** | 873 | 0 |
| **Jannar – 10 ta' Ottubru 2023** | 1,236 | 13 |

Seduta 157
18/10/2023

**BLUE BADGES LI NĦARĠU ĠODDA JEW LI ĠEW IMĠEDDA**

**12027. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: B'referenza għall-perjodu bejn Jannar 2022, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, tista' l-Ministru tgħid kemm-il blue badge ġdida nħarġet u kemm-il blue badge ġiet imġedda mill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u mill-Aġenzija Sapport, separatament għal kull sena?

09/10/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li n-numru ta' dokumenti tal-Blue Badge ġodda jew imġedda li ħarġu minn Aġenzija Sapport u mill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, hu kif ġej:

| | **Dokumenti ġodda** | **Dokumenti mġedda** |
|---|---|---|
| **Jannar – Diċembru 2022** | 1,796 | 903 |
| **Jannar – 10 ta' Ottubru 2023** | 1,728 | 670 |

Seduta 157
18/10/2023

**BLUE BADGE – ĦRUĠ TA' PERMESSI ĠODDA GĦAL PARKING BAY**

**12028. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għall-perjodu bejn Jannar 2021, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, jista’ l-Ministru jgħid kemm-il permess ġdid għal blue badge parking bay inħareġ separatament għal kull sena? Minn dawn, kemm-il permess kien għal communal parking bay?

09/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fis-sena 2021 inħarġu 717 il- permess għal parkeġġi ‘blue badge’ ġodda li minnhom 262 kienu ‘communal’. Fl-2022 inħarġu 917 il-permess li minnhom 326 kienu ‘communal’ u fl-2023 inħarġu 408 il-permess li minnhom 56 kienu ‘communal’.

Seduta 157
18/10/2023

**BLUE BADGE – TIĠDID TA’ PERMESSI GĦAL PARKING BAY**

**12029. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għall-perjodu bejn Jannar 2021, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, jista’ l-Ministru jgħid kemm-il permess għal blue badge parking bay ġie mġedded separatament għal kull sena? Minn dawn kemm-il permess kien għal communal parking bay?

09/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-parkeġġi għal dawk il-persuni li għandhom il-‘Blue Badge’ jiġġedded awtomatikament sakemm ma jkun hemmx oġġezzjoni jew informazzjoni li l-persuna m’għadhiex eliġibbli.

Seduta 157
18/10/2023

**BLUE BADGE – PERMESSI GĦAL PARKING BAY LI MA ĠEWX IMĠEDDA**

**12030. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għall-perjodu bejn Jannar 2021, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, jista’ l-Ministru jinforma kemm-il permess għal blue badge parking bay ma ġiex mġedded separatament għal kull sena? Minn dawn kemm-il permess kien għal communal parking bay? X'kienet ir-raġuni għal dan?

09/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni dwar parkeġġi riservati għal persuni b’diżabilità tiġi aġġornata kważi kuljum. Huwa ikkalkulat li fis-snin segwenti ma ġewx imġedda dawn il-parkeġġi:

Fl-2021 – 70 parkeġġ;
Fl-2022 – 90 parkeġġ;
Fl-2023 – 75 parkeġġ

Ninforma wkoll lill-Onor. Interpellant li meta persuna jkollha parkeġġ personalizzat riservat, qabel ma Transport Malta tirtira dak il-permess issir konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali sabiex ikun stabbilit jekk dak il-parkeġġ ikunx bżonnjuż għall-użu komuni, f’liema każ ma jkunx hemm għalfejn jitneħħa.

Seduta 157
18/10/2023

**BLUE BADGE – PERMESSI GĦAL PARKING BAY LI ĠEW IRTITATI**

**12031. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għall-perjodu bejn Jannar 2021, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, jista’ l-Ministru jgħid kemm-il permess għal blue badge parking bay ġie rtirat separatament għal kull sena? Minn dawn, kemm-il permess kien għal communal parking bay? X'kienet ir-raġuni għal dan?

09/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul is-snin imsemmija ġew irtirati permessi għall-parkeġġi hekk kif isegwi:

| **Sena** | **2021** | **2022** | **2023** |
|---|---|---|---|
| **Ammont** | 289 | 372 | 306 |

Il-permessi għall-parkeġġi għal persuni b'diżabilità jitneħħew meta l-Transport Malta jkollha informazzjoni li l-applikant m'għadux eliġibbli jew meta l-applikant stess japplika għal parkeġġ personalizzat.

Seduta 157
18/10/2023

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - REMUNERAZZONI TA' INDIVIDWI**

**12098. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-individwi fi ħdan il-Ministeru tiegħu, inkluż dawk f'awtoritajiet, entitajiet u dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, li għandhom pakkett finanzjarju ikbar mill-Ministru nnifsu? Jista' jgħid ukoll min huma u kemm hu l-pakkett annwali, inkluż perkaċċi u bonuses?

09/10/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12090.

Seduta 157
18/10/2023

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - REMUNERAZZONI TA' INDIVIDWI**

**12099. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-individwi fi ħdan il-Ministeru tiegħu, inkluż dawk f'awtoritajiet, entitajiet u dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, li għandhom pakkett finanzjarju ikbar mill-Ministru nnifsu? Jista' jgħid ukoll min huma u kemm hu l-pakkett annwali, inkluż perkaċċi u bonuses?

09/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12090.

Seduta 157
18/10/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - REMUNERAZZONI TA' INDIVIDWI**

**12100. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-individwi fi ħdan il-Ministeru tiegħu, inkluż dawk f'awtoritajiet, entitajiet u dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, li għandhom pakkett finanzjarju ikbar mill-Ministru nnifsu? Jista' jgħid ukoll min huma u kemm hu l-pakkett annwali, inkluż perkaċċi u bonuses?

09/10/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-twegiba tal-mistoqsija parlamentari 12090.

Seduta 157
18/10/2023

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - REMUNERAZZONI TA' INDIVIDWI**

**12101. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-individwi fi ħdan il-Ministeru tiegħu, inkluż dawk f'awtoritajiet, entitajiet u dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, li għandhom pakkett finanzjarju ikbar mill-Ministru nnifsu? Jista' jgħid ukoll min huma u kemm hu l-pakkett annwali, inkluż perkaċċi u bonuses?

09/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferri lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12090.

Seduta 157
18/10/2023

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - REMUNERAZZONI TA' INDIVIDWI**

**12102. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-individwi fi ħdan il-Ministeru tiegħu, inkluż dawk f'awtoritajiet, entitajiet u dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, li għandhom pakkett finanzjarju ikbar mill-Ministru nnifsu? Jista' jgħid ukoll min huma u kemm hu l-pakkett annwali, inkluż perkaċċi u bonuses?

09/10/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12090.

Seduta 157
18/10/2023

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR - REMUNERAZZONI TA' INDIVIDWI**

**12103. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-individwi fi ħdan il-Ministeru tiegħu, inkluż dawk f'awtoritajiet, entitajiet u dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, li għandhom pakkett finanzjarju ikbar mill-Ministru nnifsu? Jista' jgħid ukoll min huma u kemm hu l-pakkett annwali, inkluż perkaċċi u bonuses?

09/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12090.

Seduta 157
18/10/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET - INDIVIDWU IMPJEGAT**

**12153. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qegħdin jingħataw separatament għadux impjegat mal-Awtorità tal-Artijiet?

10/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-individwu indikat jinsab sospiż mid-doveri tiegħu skont it-termini tal-ftehim kollettiv.

Seduta 157
18/10/2023
**BATTERIJA TAL-QOLLA L-BAJDA**

**12154. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid għadx hemm l-intenzjoni li jsir trasferiment tal-Batterija tal-Qolla l-Bajda lill-NGO Din l-Art Ħelwa? Jekk fl-affermattiv, jista' l-Ministru jgħid x'inhu jżomm it-trasferiment milli jkun iffinalizzat, meta tieħu inkonsiderazzjoni li aktar ma jkompli jieħu fit-tul il-proċess, aktar hemm ċans li ssir ħsara irreparabbli? Jekk le, jista' jispjega l-Gvern x'beħsiebu jagħmel dwar il-Batterija tal-Qolla l-Bajda, li bħalissa tinsab mitluqa u fi stat avvanzat ta' deterjorazzjoni?

10/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** It-talba qed tiġi proċessata mal-awtoritajiet kompetenti.

Seduta 157
18/10/2023

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAŻ-ŻEBBUĠ – APPLIKAZZJONI LILL-KUMITAT TAL-ISMIJIET TAT-TOROQ**

**12155. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10969, jista' l-Prim Ministru jgħid għalfejn jeħtieġ konferma jekk it-triq ġdida bla isem li tagħmel ma' Triq l-Indipendenza, Ħaż-Żebbug (Malta), (id-dettalji tal-post eżatt qegħdin jingħataw separatament) hijiex privata jew pubblika, ġaladarba l-Avviż Legali 291 tal-2018 jagħti s-setgħa lill-Kunsilli Lokali li jiddeċiedu isem li bih għandha tkun magħrufa triq privata?

10/10/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lil Onor. Interpellant li ninsab nfurmat li t-Tismija ta' Toroq f'Malta taqa' taħt Leġislazzjoni Sussidjarja 363.10 'Regolamenti Dwar Kunsilli Lokali (Tismija ta' Toroq)'. L-Avviż Legali 291 tal-2018 jaqa' taħt Leġiżlazzjoni 499.57 'Regolamenti dwar Toroq Ġodda u Xogħlijiet f'Toroq'. F'din il-Leġislazzjoni m'hemm l-ebda referenza għall-proċedura ta' kif għandu jiġi ttrattat u ppubblikat isem ta' triq privata iżda ssemmi biss li jekk Kunsill Lokali jiddeċiedi li jsemmi triq privata din tibqa' bl-istatus ta' triq privata.

Finalment, huwa l-Kunsill Lokali rispettiv li jrid jissottometti r-rakkomandazzjoni tiegħu sabiex tissemma triq skont kif stipulat f'Leġislazzjoni Sussidjarja 363.10 'Regolamenti Dwar Kunsilli Lokali (Tismija ta' Toroq)'. Il-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq baqa' ma rċieva l-ebda rakkomandazzjoni għat-triq in kwistjoni.

Seduta 157
18/10/2023

**APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI**

**12156. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm hemm applikazzjonijiet pendenti quddiem il-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq dwar toroq li m'għandhomx isem madwar Malta u Għawdex, indikati skont il-lokalitajiet differenti?

10/10/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lil Onor. Interpellant li ninsab nfurmat li l-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq – Malta, li sal-11 ta' Ottubru, 2023, għandu 19-il applikazzjoni pendenti. Dawn waslu għand il-Kumitat f'dawn l-aħħar għoxrin ġurnata. Dawn l-applikazzjonijiet se jkunu diskussa fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat li hija skedata għall-ġimgħa d-dieħla. L-applikazzjonijiet ġejjin mingħand:

- Kunsill Lokali Siġġiewi – 2

- Kunsill Lokali Ħal Qormi – 1
- Kunsill Lokali Ħad-Dingli – 1
- Kunsilli Lokali Pembroke/San Ġiljan – 1 [triq tikkonfina]
- Kunsill Lokali San Ġiljan – 1
- Kunsill Lokali Ir-Rabat (M) – 13

Il-Kumitat għandu wkoll numru ta' pendenzi ma' ħamsa u għoxrin (25) Kunsill Lokali rigward kwistjonijiet relatati ma' talbiet dwar ismijiet ta' toroq.

Seduta 157
18/10/2023

**ĦAŻ-ŻEBBUĠ - TRIQ ĠDIDA LI TAGĦMEL MA' TRIQ L-INDIPENDENZA**

**12157. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ għamilx komunikazzjoni mal-Awtorità tal-Artijiet sabiex jikkonferma jekk it-triq ġdida li tagħmel ma' Triq l-Indipendenza, Ħaż-Żebbug (Malta), (id-dettalji tal-post eżatt qegħdin jingħataw separatament), u li sal-ġurnata tal-lum din it-triq għadha mingħajr isem, hix privata jew pubblika, u allura jgħid jekk din it-triq hijiex pubblika jew privata?

10/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li sabiex tingħata risposta preċiża, għandha tiġi provduta plan li tindika preċiżament is-sit li qed tirreferi għaliha.

Seduta 157
18/10/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – AVUKATI INTERNI**

**12158. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il avukat hemm li jaħdmu internament fi ħdan l-Awtorità tal-Artijiet? Għal kull avukat, jista' l-Ministru jispeċifika b'liema metodu ġie ingaġġat u meta?

10/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil-preżent l-Awtorità tal-Artijiet tħaddem 11-il avukat, li wieħed minnhom jokkupa l-kariga ta' Chief Audit Officer (CAO)
Fil-każ tas-CAO l-ingaġġ tiegħu sar wara sejħa pubblika mill-Amministrazzjoni Ċentrali tas-Servizz Pubbliku. Il-persuna magħżula ġiet ingaġġata fit-18 t'April 2022.
L-għaxar kandidati l-oħra ġew impjegati b'diversi sejħiet mill-Awtorità tal-Artijiet kemm interni u esterni. Il-Kandidati ġew impjegati fis-sussegwenti dati:

1-28/08/17,
1-08/11/2017,
1-15/01/2018,
3-01/06/2020,
2-09/02/2022,
1-16/08/2023,
1-28/08/2023.

Seduta 157
18/10/2023

**MEDIĊINA HUMIRA**

**12185. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11427, minkejja li l-Hulio u oħrajn huma mediċini li huma biosimilar għall-Humira, peress li hawn pazjenti li l-Humira biss kienet taqbel magħhom filwaqt li l-Hulio kkawżatilhom problemi, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'inhuma r-raġunijiet

għalfejn il-prodott Humira ma baqax jinġieb tal-inqas għal dawk il-pazjenti li għandhom ċertifikazzjoni mingħand il-konsulent li tgħid li l-Humira biss taqbel magħhom?

10/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi skont l-Avviż Legali 448 ta' 2018 f'każ li konsulent mediku jħoss illi pazjent jista jibbenifika minn mediċina partikolari li ma tkunx fuq il-formolarju tal-Gvern, l-istess konsulent jista jagħmel sottomissjoni lill Exceptional MedicinalTreatment Committee, u jkun dan il-kumitat tekniku li jiddeċidi dwar il-każ.

Seduta 157
18/10/2023

**PROJECT GREEN - NEFQA TOTALI**

**12198. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 11667 u tgħid mill-bidu tas-sena 2023, sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari x'kienet in-nefqa totali ta' Project Green, u minn din in-nefqa kemm kienet in-nefqa fir-remunerazzjoni tal-istaff, ħaddiema u amministrazzjoni, u kemm kienet in-nefqa totali f'reklamar u marketing (inkluż dak stampat, online, social media, ritratti, videos eċċ)?

11/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li n-nefqa totali ta' Project Green fuq ir-remunerazzjoni tal-istaff, ħaddiema u amministrazzjoni ammontat għal €2,033,264. Rigward il-kumplament tal-informazzjoni mitluba mill-Onor. Interpellant nirreferih għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 11078.

Seduta 157
18/10/2023

**TAĦRIKIET FUQ TIPJIP F'POSTIJIET IPPROJBITI**

**12213. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm taħrikiet fuq tipjip f'postijiet ipprojbiti matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

11/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' taħrikiet relatati ma' tipjip f'postijiet ipprojbiti bejn Jannar 2019 u t-12 ta' Ottubru 2023, maqsuma sena b'sena, huma kif jidhru fit-tabella hawn taħt:

| 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | Jan - Oct/2023 |
|---|---|---|---|---|
| 1218 | 342 | 159 | 125 | 415 |

Seduta 157
18/10/2023

**FIRST-TIME BUYERS – FLUS LI ĠEW IFFRANKATI MILL-ĦLAS TA' TAXXA TAL-BOLL**

**12214. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew iffrankati flus mit-tnaqqis tal-ħlas tat-taxxa tal-boll għall-first-time buyers mis-sena 2014 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

11/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-flus li ġew iffrankati mit-tnaqqis tal-ħlas tat-taxxa tal-boll għall-first-time buyers mis-sena 2014 sa l-aħħar ta' Settembru 2023 kien skont it-tabella t'hawn taħt:

| Sena | Flus iffrankati |
|---|---|

| | |
|---|---|
| 2014 | €9,238,958.81 |
| 2015 | €9,778,480.13 |
| 2016 | €8,543,088.25 |
| 2017 | €9,262,552.50 |
| 2018 | €9,141,655.81 |
| 2019 | €10,544,578.99 |
| 2020 | €12,604,972.05 |
| 2021 | €22,464,094.75 |
| 2022 | €20,441,667.48 |
| 2023 | €9,766,624.49 |

Seduta 157
18/10/2023

**SECOND-TIME BUYERS – FLUS LI ĠEW IFFRANKATI MILL-ĦLAS TA' TAXXA TAL-BOLL**

**12215. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew iffrankati flus mit-tnaqqis tal-ħlas tat-taxxa tal-boll għas-second-time buyers mis-sena tat-tnedija tagħha sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

11/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-flus li ġew iffrankati mit-tnaqqis tal-ħlas tat-taxxa tal-boll għas-second-time buyers mis-sena tat-tnedija tagħha sal-aħħar ta' Settembru 2023 kien kif ġej:

| Sena | Flus iffrankati |
|---|---|
| 2018 | € 685,813.34 |
| 2019 | € 877,364.01 |
| 2020 | € 666,073.76 |
| 2021 | € 237,353 |
| 2022 | € 175,325 |
| 2023 | € 273,157 |

Seduta 157
18/10/2023

**UCA - FLUS LI ĠEW IFFRANKATI MILL-ĦLAS TA' TAXXA TAL-BOLL**

**12216. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew iffrankati flus mit-tnaqqis tal-ħlas tat-taxxa tal-boll fuq proprjetà f'Urban Conservation Area (UCA) mis-sena li ġiet imnedija sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

11/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-flus li ġew iffrankati mit-tnaqqis tal-ħlas tat-taxxa tal-boll fuq proprjetà f'Urban Conservation Area (UCA) mis-sena li ġiet imnedija sal-aħħar ta' Settemru 2023 huwa kif ġej:

| Sena | Flus iffrankati |
|---|---|
| 2016 | € 2,787,485.01 |
| 2017 | € 1,805,265.67 |
| 2018 | € 2,735,642.78 |
| 2019 | € 3,292,805.46 |
| 2020 | € 1,167,873.71 |
| 2021 | € 762,477.50 |
| 2022 | € 12,206,634.18 |
| 2023 | € 11,817,051 |

Seduta 157
18/10/2023

**PROPRJETÀ F'GĦAWDEX - FLUS LI ĠEW IFFRANKATI MILL-ĦLAS TA' TAXXA TAL-BOLL**

**12217. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew iffrankati flus mit-tnaqqis tal-ħlas tat-taxxa tal-boll għal min xtara proprjetà ġewwa Għawdex mis-sena li ġiet imnedija sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

11/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-flus li ġew iffrankati mit-tnaqqis tal-ħlas tat-taxxa tal-boll għal min xtara proprjetà ġewwa Għawdex mis-sena li ġiet imnedija sal-ahhar ta' Settembru 2023 huwa kif ġej:

| Sena | Flus iffrankati |
|---|---|
| 2016 | € 249,615.35 |
| 2017 | € 2,376,223.41 |
| 2018 | € 4,203,845.01 |
| 2019 | € 5,508,182.34 |
| 2020 | € 5,403,673.84 |
| 2021 | € 8,437,117.50 |
| 2022 | € 10,819,612.19 |
| 2023 | € 5,564,816 |

Seduta 157
18/10/2023

**QTATES U KLIEB MIĠBURA FL-2022**

**12234. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid:
(a) kif minn 1,309 qattus li ġew miġbura fl-2022, 483 minnhom ġew addottati u fadal 130 u jgħid ukoll x'sar mis-696-il qattus li ma jissemmewx;
(b) kif minn 539 kelb li ġew miġbura fl-2022, 441 ġew addottati u fadal 58 u jgħid ukoll x'sar minn dawk l-40 kelb li ma ssemmewx; u
(ċ) kemm minn dawk il-klieb u l-qtates li ġew miġbura fis-sena 2022 u li mhux imsemmija ġew addottati minn santwarji, u liema huma s-santwarji li addottawhom?

11/10/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-figuri li qed issemmi ma jistgħu jaqblu qatt. Dan għaliex il-figura tan-numri ta' annimali miġbura u addotti jappartjenu għas-sena 2022, mentri dawk imsemmija li fadal huma meħuda minn figuri ta' nofs is-sena 2023. Peress li kien hemm influss u ħruġ ta' annimali fis-sitt xhur bejn l-aħħar tas-sena 2022 u nofs is-sena 2023; in-numri ma jistgħux jaqblu mat-total.

Seduta 157
18/10/2023

**RAPPORTI TA' KRUDELTÀ – RENDIKONT**

**12235. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tat-852 rapport ta' krudeltà mill-pubbliku fuq xi annimal li saru fl-2022 u jgħid x'kienu dawn ir-rapporti u kemm minnhom ittieħdet azzjoni legali kontrihom?

11/10/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 157
18/10/2023

**DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI - ANNIMALI RRAPURTATI BĦALA MAĦQURA**

**12236. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Fid-dawl tal-11-il azzjoni li saret fejn l-annimali rrappurtati bħala maħqura ġew mittieħda mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali, jista' l-Ministru jgħid x' kienu dawn l-annimali, fejn tpoġġew sakemm ġie deċiż l-andament li kellu jittieħed u fejn qegħdin illum?

11/10/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra

Seduta 157
18/10/2023

**KRUDELTÀ TA' ANNIMALI**

**12237. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Fid-dawl tat-33 ittra li nħarġu mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali rigward krudeltà ta' annimali, jista' l-Ministru jgħid x'kienu jinkorporaw fihom u xi jkunu r-riżultati mistennija minn dawk li jirċevuhom?

11/10/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninfroma lill-Onor. Interpellanta li l-ittri msemmija kienu ittri ta' kwerela u kienu jinkorporaw varji atti ta' trattament mhux xieraq ta' annimali li fuqhom kienu qed jittieħdu passi legali. Dawn kienu jinkludu każijiet ta' annimali miżmuma ħażin u żamma ta' annimali li mhux konformi mal-liġi. Ir-riżultat mistenni hu li kienu ser jittieħdu passi legali.

Seduta 157
18/10/2023

**KAMPANJA TA' NEUTERING TAL-QTATES**

**12238. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid meta ser tibda l-kampanja ta' neutering li ġiet imħabbra f'Ġunju tal-2023 u li ser tiswa €200,000 fis-sena u li ser tieħu ħsieb it-tiswija ta' 5,000 qattus fis-sena? Jista' jgħid ukoll kif ser ikunu allokati u mqassma dawn il-fondi u lil min?

11/10/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-kampanja tan-neutering ġiet varata fil-21 ta' Ġunju 2023. L-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 157
18/10/2023

**ĊENTRU SAN FRANĠISK ĠEWWA TA' QALI (APH)**

**12239. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-isptar Ċentru San Franġisk ġewwa Ta' Qali (APH) għadux jopera jew le? Jekk le, jista' jgħid jekk hux dan sew kemm għall-klijent privat kif ukoll għad-Direttorat tal-Ħarsien tal-

Annimali? Jista' jgħid ukoll fejn qed jiġu trattati l-annimali misjuba mid-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali u x' kienet ir-raġuni għaliex dan iċ-ċentru m'għadux jilqa' annimali fih?

11/10/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-operatur tal-Isptar tal-Annimali għarraf lill-Ministeru li l-Isptar kellu jagħlaq temporanjament minħabba ħsarat estensivi li ġarrab meta allegatament intlaqat kejbil tal-elettriku u kien hemm żieda fil-qawwa tal-provvista tal-elettriku (power surge) li konsegwentament inħarqu numru ta' attrezzaturi multipli, fittings u tagħmir mediku sensittiv. Peress li sar rapport lill-pulizija dwar dan il-każ u għaddejja investigazzjoni, mhux xieraq li jsiru kummenti ulterjuri biex ma tiġi preġudikata l-ebda parti. Ġentilment nirreferik għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12163 dwar fejn qed jiġu trattati l-annimali misjuba mid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali.

Seduta 157
18/10/2023

**KUMPANIJI LI ĠEW STRALĊJATI – ATTIV LI GĦADDA F'IDEJN IL-GVERN**

**12248. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-kumpaniji li ġew stralċjati mir-Reġistratur tal-Kumpaniji u ddikjarati bħala kumpaniji li ma joperawx (defunct companies) u dan skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, kellhom attiv li għadda f'idejn il-Gvern mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm kien l-ammont kull sena li għadda f'idejn il-Gvern?

11/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba hija:

| Year | No of Companies | Amount |
|---|---|---|
| 2013 | 6 | € 14,805.31 |
| 2014 | 16 | € 49,360.39 |
| 2015 | 3 | € 1,007.59 |
| 2016 | 5 | € 2,544.06 |
| 2017 | 2 | € 1,785.94 |
| 2018 | 1 | € 13,780.95 |
| 2019 | 1 | € 221.67 |
| 2020 | 11 | € 16,948.90 |
| 2021 | 23 | € 74,347.47 |
| 2022 | 2 | € 1,170.27 |
| 2023 | 1 | € 55.07 |
| | **71** | **€ 176,027.62** |

Seduta 157
18/10/2023

**SKEMA TA' SUSSIDJU FUQ VETTURI TAL-ELETTRIKU - APPLIKAZZJONIJIET**

**12249. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali:
Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew sottomessi applikazzjonijiet ma' Transport Malta għal sussidju fuq vetturi tal-elettriku minn meta bdiet titħaddem din l-iskema? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-applikazzjonijiet ġew milqugħa?

11/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fis-snin 2022 u 2023 kien hemm 4036 applikazzjoni approvata għal sussidju fuq vetturi tal-elettriku. Fis-sena 2022 kien hemm 1375 applikazzjoni approvata, u fis-sena 2023 hemm 2661 applikazzjoni approvata.

Seduta 157
18/10/2023

**SUSSIDJU FUQ VETTURI TAL-ELETTRIKU - APPLIKAZZJONIJIET**

**12250. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm applikazzjonijiet li ġew milqugħa minn Transport Malta għal sussidju fuq vetturi tal-elettriku iżda li għadhom ma ġewx ipproċessati? Jista' jgħid kemm imorru lura dawn l-applikazzjonijiet u x'inhi r-raġuni għal dan id-dewmien? Jista' jikkonferma li dan id-dewmien qed iwassal biex l-applikanti mhumiex qed jonoraw il-ftehim li għandhom mal-kumpaniji tal-vetturi bil-konsegwenza li qed jeħlu interessi u/jew penali lill-istess kumpaniji? Jista' jgħid ukoll jekk huwiex qed iħallas dawn l-interessi u/jew penali li qed jeħlu l-applikanti minħabba d-dewmien minn Transport Malta biex taffettwa r-rifużjoni?

11/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità għat-Trasport ilha toffri għotjiet għal numru ta' snin. Il-'grants' taħt li skema tal-RRP li bdiet tagħti Transport Malta f'dawn l-aħħar sentejn huma l-ogħla fl-Ewropa, fil-fatt l-għotjiet ilaħħqu sa massimu ta' 13,000 ewro u ġew allokati €15 il-miljun fl-2022, €15 il-miljun għas-sena 2023, apparti għotjiet oħra fuq vetturi elettriċi ta' tipi differenti. Wieħed tajjeb jirrimarka li apparti li l-għotjiet huma tant sostanzjali, dawn jingħataw bħala 'grant' u mhux self, għad-differenza ta' pajjiżi oħra Ewropej. Għalhekk, wieħed jinnota li l-iskema tant intlaqgħet tajjeb mill-pubbliku li l-Awtorità irċeviet mal-4,036 applikazzjoni għal RRP grants fuq medda ta' sentejn (2022-2023).

Mill-bidu tas-sena 2023, Transport Malta bagħtu għall-pagament elfejn mitejn u tmienja u tletin (2,238) applikazzjoni mill-applikazzjonijiet li saru f'din is-sena għal sussidju fuq vetturi tal-elettriku. *In oltre*, bħalissa qed jiġu pproċessati erba' mija u tlieta u għoxrin (423) applikazzjoni oħra sabiex jintbagħtu għall-pagamenti. Dawn imorru lura għall-25 ta' Awwissu 2023.

Biex dejjem tkompli ttejjeb is-servizz tagħha, Transport Malta bħalissa għaddejja minn proċess ta' diġitalizzazzjoni li ser jgħaġġel aktar il-proċess u l-aċċessibbiltà. L-Awtorità ma tistax twieġeb għan-nom ta' persuni individwali fuq jekk l-obbligi tagħhom humiex jiġu onorati mal-bejjiegħ tal-vettura.

Seduta 157
18/10/2023

**UNIVERSITÀ TA' MALTA - KORS TA' MASTERS IN EDUCATIONAL PSYCHOLOGY**

**12251. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-kors ta' Masters in Educational Psychology fl-Università ta' Malta jiftaħ kull sena? Jista' jgħid ukoll x'inhuma r-raġunijiet għaliex dan il-kors ma jiftaħx kull sena, jekk inhu l-każ?

11/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kors imsemmi jiftaħ kull sentejn peress li ma jkunx hemm domanda mill-applikanti li hi biżżejjed biex il-kors jiftaħ b'mod aktar frekwenti. Dan jippermetti użu aħjar tar-riżorsi għal taqsimiet-studju oħra, bħal pereżempju, il-Metodi tar-Riċerka u l-Psikopatoloġija; uħud mill-fergħat, jew kollha, jistgħu jkollhom lectures flimkien. Il-kollokament joħloq sfida, jekk irridu niżguraw li jkun wieħed ta'kwalità għall-istudenti tagħna.

Seduta 157
18/10/2023

**ISTITUZZJONIJIET POST-SEKONDARJI – STIPENDJU**

**12268. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jelenka liema huma dawk l-istituzzjonijiet post-sekondarji kollha, li fihom l-istudenti huma intitolati għall-istipendju?

12/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 605.06, l-istudenti li jinsabu f'istituzzjonijiet ta' Edukazzjoni u Taħriġ Post-Sekondarju jew Vokazzjoni approvati, jibbenefikaw mill-Għotjiet ta' Manteniment.

Seduta 157
18/10/2023

**MCAST - STUDENTI LI MA KOMPLEWX IL-KORS**

**12269. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jipprovdi d-*data*, sena b'sena għal dawn l-aħħar ħames snin skolastiċi (minbarra 2023-2024) ta' kemm daħlu studenti fil-korsijiet tal-MCAST u ma komplewx telgħin għat-tieni sena tal-kors (jiġifieri kemm kien hemm drop-outs waqt l-ewwel sena)?

12/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 157
18/10/2023

**AWTORITÀ GĦALL-INTEGRITÀ FL-ISPORT F'MALTA**

**12277. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità għall-Integrità fl-Isport f'Malta (AIMS) bdietx topera, u jekk iva jgħid:

a. minn fejn qiegħda topera;
b. kemm hu l-budget tagħha; u
ċ. kemm għandha impjegati magħha u f'liema skali u pożizzjonijiet?

12/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 157
18/10/2023

**AĠENZIJA GĦAS-SERVIZZI KORRETTIVI - INĊIDENT VJOLENTI**

**12278. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11797, jista' l-Ministru jgħid x'rank/grad kienu l-uffiċjali korrettivi involuti meta seħħ dan l-inċident u x'tip ta' inċident kien? Jista' jgħid ukoll jekk il-proċess ta' dixxiplina li skatta kienx biss intern fl-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi jew kienx permezz tal-Public Service Commission (PSC)?

12/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi r-rank ta' l-uffiċjali involuti kien ta' uffiċjali korrettivi. Fuq dan l-aċċident l-Aġenzija ressqet lil dawn l-uffiċjali quddiem il-bord ta' dixxiplina fejn ġie deċiż sospensjoni ta' tlett (3) ijiem kull wieħed.

Seduta 157
18/10/2023

**AĠENZIJA GĦAS-SERVIZZI KORRETTIVI - ALLEGAZZJONIJIET TA' FRODI U MISAPPROPJAZZJONI TA' FLUS**

**12279. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11798, jista' l-Ministru allura jgħid għalfejn twaqqaf il-unit tal-procurement jekk ma kien hemm ebda allegazzjoni ta' dan it-tip? Jista' wkoll jgħid jekk l-uffiċjal li d-dettalji tiegħu qed jingħataw separatament ġiex imwaqqaf jew sospiż jew irriżenjax, u jekk iva x'kienet ir-raġuni għal dan?

12/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat mill-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi li t-twaqqif tal-unit tal-Procurement sar sabiex jiġu ssimplifikati l-proċessi ġewwa l-aġenzija u sabiex żewġ sezzjonijiet ġew magħquda.

Fir-rigward tal-persuna li d-dettalji tiegħu ngħataw separatament, infurmat mill-Aġenzija li ma kien hemm l-ebda persuna jaħdem b'dawk id-dettalji fiż-żewġ sezzjonijiet li issa ġew f'waħda.

Seduta 157
18/10/2023

**AĠENZIJA GĦAS-SERVIZZI KORRETTIVI - FASTIDJU SESSWALI U/JEW INDIĊENTI**

**12280. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11799, jista' l-Ministru jgħid għalfejn ma ħarġet l-ebda ċaħda dwar l-inċident imsemmi fil-mistoqsija oriġinali u ċjoè rapport ta' fastidju sesswali u/jew indiċenti ta' fizzjal anzjan tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi, liema inċident ġie rappurtat fil-ġurnali f'Diċembru 2022? Jekk dan l-inċident ma seħħx u ma ġiex rappurtat, jista' l-Ministru allura jgħid x'kienet ir-raġuni għas-sospensjoni jew riżenja tal-fizzjal li d-dettalji tiegħu qed jingħataw separatament?

12/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat mill-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi li ma ġiex riċevut rapport skont kif indikat.

Seduta 157
18/10/2023

**SKOLA PRIMARJA ĦAL GĦAXAQ — AIR CONDITIONERS BIL-ĦSARA**

**12281. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta se jkunu qed jissewwew l-Air Conditioners fl-Iskola Primarja ta' Ħal Għaxaq u xi pjan temporanju hemm sadanittant?

12/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 157
18/10/2023

**SKEJJEL STATALI - WATER FOUNTAINS**

**12282. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm water fountains li mhumiex jiffunzjonaw fl-iskejjel statali?

12/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din il-problema qed tiġi indirizzata.